MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 1274/2018LM

**Odette Abela**

***vs.***

**Josephine Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-20 ta' Diċembru, 2018 mill-attriċi **Odette Abela** (K.I. 332968M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi omm il-kontendenti, Riccarda magħrufa bħala Ludgarda Abela, mietet fl-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996), u s-suċċessjoni tagħha kienet regolata b'testment pubbliku unica charta riċevut min-Nutar Pubbliku George Bonello DuPuis fis-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995), li permezz tiegħu, fost dispożizzjonijiet oħrajn, ħalliet lill-attriċi b'titolu ta' legat:*

a) *In-nofs indiviż tad-dar f'Santa Venera (illum Birkirkara), Triq Fleur de Lys, bin-numru mitejn u tlieta u disgħin (293), bl-għamara kollha a limine intus li tkun fiha;*

b) *Sest indiviż tal-garaxx bin-numru ħdax (11), St. Paul's Garages, fi Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u tal-fond 'Northview', bla numru f'Islet Promenade, Buġibba, San Pawl il-Baħar;*

c) *Kwint indiviż mill-garaxx bin-numru ħdax (11), illum numru sebgħa u għoxrin (27), f'Old Railway Road, Santa Venera,*

*u liema legati ġew ordnati li jkunu pagabbli bħala eżenti minn kull taxxa ta' wirt, liema taxxa għandha titħallas mill-assi likwidi tat-testatriċi.*

2. *Illi l-eredi nominati minn omm il-kontendenti kienu uliedhom f'ishma ndaqs bejniethom, u ċioe l-attriċi, il-konvenuta, kif ukoll Doris Mifsud, Annie Ferrito, Carmen Dimech u George Abela.*

3. *Illi missier il-kontendenti, Nazzareno Abela, miet fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa (2004), u s-suċċessjoni tiegħu tinsab regolata b'testment sigriet datat sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), u li permezz tiegħu t-testatur ordna s-segwenti legati favur l-attriċi:*

a) *In-nofs indiviż tad-dar f'Santa Venera (illum Birkirkara), Triq Fleur de Lys, bin-numru mitejn u tlieta u disgħin (293), bl-għamara kollha a liminte intus li tkun fiha, b'eċċezzjoni ta' flus kontanti, oġġetti ta' deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, kotba ta' banek lokali u esteri, u titoli li jissarrfu fi flus;*

b) *Terz indiviż tal-garaxx bin-numru ħdax (11) St. Paul's Garages, fi Triq Ġulju ċ-Ċenturjun, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u tal-fond "Northview", bin-numru tnejn u sittin (62), f'Islet Promenade, Buġibba, San Pawl il-Baħar;*

c) *Is-somma ta' ħmistax-il elf Lira Maltin (LM15,000) għal darba waħda biss;*

d) *Tliet partijiet minn għaxra indiviżi mill-garaxx bin-numru ħdax (11), illum numru sebgħa u għoxrin (27), f'Old Railway Road, Santa Venera;*

4. *Illi l-eredi nominati minn missier il-kontendenti kienu wliedhom f'ishma ndaqs bejniethom, u ċioe l-attriċi, il-konvenuta, kif ukoll Doris Mifsud, Annie Ferrito, Carmen Dimech u George Abela.*

5. *Illi, salv għall-fond 62, Northview, Islet Promenade, Buġibba, San Pawl il-Baħar, l-attriċi ġiet debitament immesa fil-pussess tal-legati tal-immobbli fuq*

*deksritti mill-eredi l-oħrajn kollha, ħlief mill-konvenuta, u dan bis-saħħa t'att pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku Joelle Cortis fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

6. *Illi l-konvenuta qed tirrifjuta li, in kwantu għas-sehem ta' sest indiviż li miss lill-konvenuta bħala eredi, timmetti lill-attriċi fil-pussess ta' dawn il-legati, minkejja li ġiet ripetutament interpellata sabiex tadempixxi l-obbligazzjoni tagħha bħala eredi.*

7. *Illi għalhekk qed ikollha ssir din il-kawża.*

8. *Illi l-attriċi tiddikjara li taf bil-fatti fuq premessi personalment.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi l-attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment ulterjuri li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:*

1) *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenuta hija obbligata li timmetti lill-attriċi fil-pussess tal-legati mħollija lill-attriċi mill-ereditajiet ta' Riccarda magħrufa bħala Ludgarda Abela u ta' Nazzareno Abela, u ċioe kumplessivament in kwantu għas-sest indiviż spettanti lill-konvenuta bħala eredi fil-legati ta':*

    a) *L-intier tad-dar f'Santa Venera (illum Birkirkara), Triq Fleur de Lys, bin-numru mitejn u tlieta u disgħin (293), bl-għamara kollha a liminte intus li tkun fiha, b'eċċezzjoni ta' flus kontanti, oġġetti ta' deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, kotba ta' banek lokali u esteri, u titoli li jissarrfu fi flus;*

    b) *Nofs indiviż tal-garaxx bin-numru ħdax (11), St. Paul's Garages, fi Triq Ġulju ċ-Ċenturjun, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u tal-fond 'Northview', bin-numru tnejn u sittin (62), f'Islet Promenade, Buġibba, San Pawl il-Baħar;*

    c) *Nofs indiviż mill-garaxx bin-numru ħdax (11), illum numru sebgħa u għoxrin (27), f'Old Railway Road, Santa Venera;*

2) *Tordna u tikkundanna lill-konvenuta timmetti lill-attriċi fil-pussess tal-legati mħollija lilha kif dikjarat permezz tat-talba preċedenti.*

3) *Tordna li tali immissjoni fil-pussess għandha ssir permezz ta' att pubbliku, u konsegwentement tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' dak l-att, taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-istess att kif ukoll taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil kull eventwali kontumaċi fuq dak l-att.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

*B'riserva wkoll ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-attriċi kontra l-konvenuta.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Josephine Cassar** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-12 ta' Frar, 2019, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament l-azzjoni tal-attriċi hija nulla u improponibbli stante li in effetti dak li qed titlob l-attriċi hija d-diviżjoni parzjali tal-eredità tal-ġenituri tal-partijiet u l-konvenuta qatt ma tat il-kunsens tagħha għad-diviżjoni parzjali tal-istess eredità;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet testamentarji u l-eredità ta' missier il-kontendenti, l-attriċi ma setgħet qatt tipproponi l-azzjoni minnha proposta in kwantu hija ddekadiet minn dak li tħalla lilha permezz tat-testmenti li jirregolaw l-eredità ta' missierha in kwantu aġixxiet bi vjolazzjoni tal-klawsola komminatorja kontenuta fl-istess testmenti u għalhekk kull ma huwa spettanti lilha mill-istess eredità huwa d-dritt tal-leġittima spettanti lilha skont il-liġi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost in vista tat-talbiet tal-attriċi u partikolarment il-fatt li l-obbligi lejn il-legatarji minn l-eredi huma ta' natura indiviża, il-ġudizzju ma huwiex wieħed integru u għalhekk għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-ekonomija tal-ġudizzju hemm il-ħtieġa li jiġu kjamati in kawża l-eredi l-oħra kollha tal-ġenituri tal-partijiet;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-hekk imsejħa l-eredi l-oħra fil-premessi tar-rikors promutur ma setgħu qatt validament jimmettu fil-pussess lill-attriċi tal-prelegati allegatament spettanti lilha in kwantu huma stess kienu milquta mill-klawsola komminatorja kontenuta fit-testmenti ta' missier il-partijiet u għalhekk huma wkoll kienu ddekadew minn kull benefiċċju li kien imħolli lilhom bis-saħħa tal-istess testmenti u dak spettanti lilhom illum huwa biss il-leġittima spettanti lilhom fil-liġi;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost irid l-ewwel jiġi stabbilit definittivament min huma l-eredi tal-ġenituri tal-partijiet u min huma l-legatarji skont il-liġi u t-talbiet attriċi jiġu konsegwentement trattati fid-dawl ta' tali konstatazzjonijiet;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

***Dikjarazzjoni Ġuramentata ta' Josephine Cassar (ID 51055M):***

1. *Illi jiena u Odette niġu aħwa;*

2. *Illi l-ġenituri tagħna kienu Nazzareno u Ludgarda Abela;*

3. *Illi aħna bħala aħwa qegħdin ħamsa* (sic) *– jien, Annie Ferrito, Doris Mifsud, Carmen Dimech, Odette Abela u George Abela;*

4. *Illi għalkemm l-eredità ta' ommi hija regolata minn testment li kienet għamlet ma' missieri, missieri kien għamel diversi testmenti anki sigrieti;*

5. *Illi fit-testment ta' missieri hemm imniżżel "Irrid u nordna illi min mill-eredi jew legatarji jew prelegatarji nominati b'dana t-testment sigriet tiegħi jipprova bi kwalunkwe mod jinfiċja jew jimpunja dan it-testment in toto jew in parte jitlef kull benefiċċju lilu mħolli minni b'dana t-testment sigriet tal-lum u ma jkollu ebda dritt ieħor għajr id-dritt tal-leġittima lilu jew lilha spettanti skont il-liġi."*

6. *Illi fil-fatt ħuti kollha ppruvaw jimpunjaw it-testmenti ta' missieri f'kawża li ġiet deċiża kontrihom permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-26 ta' Marzu, 2010 (Ċit. Nru. 723/05TM);*

7. *Illi bejnietna kien hemm diġà proċeduri fit-Tribunal tal-Arbitraġġ dwar il-Qsim tal-Wirt fl-ismijiet* ***Josephine Cassar vs George Abela et*** *(Rik. Nru. 3/2009) li wara li konna wasalna fil-final tagħhom, ħuti qajmu eċċezzjoni tad-deżerzjoni wara li l-kawża kienet tħalliet sine die sabiex nippruvaw insibu soluzzjoni bonarja u fil-fatt il-proċeduri ġew dikjarati deżerti fit-23 ta' Settembru 2015 bl-effett li minflok solvejna d-differenzi ta' bejnietna kelli nħallas somma ta' aktar minn tnax-il elf ewro fi spejjeż ġudizzjarji;*

8. *Illi jien ma rridx li noqogħdu naqsmu kif u fejn jaqblilna iżda li jekk għandna naqsmu x'ħallew il-ġenituri tagħna naqsmu darba għal dejjem u li kulħadd jirċievi dak li ħaqqu skont il-liġi – xejn iżjed u xejn inqas.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu, 2019 fejn il-partijiet qablu li qabel kull ħaġa oħra kellha tiġi ttrattata t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta fejn talbet li ssir is-sejħa fil-kawża tal-eredi kollha tal-ġenituri tal-kontendenti.

Rat in-Nota ta' Riferenzi tal-attriċi Odette Abela ppreżentata fl-14 ta' Marzu, 2019.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensuri tal-partijiet dwar it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Marzu 2019, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta, liema sentenza *in parte* qiegħda tingħata llum.

**Ikkunsidrat:**

Din is-sentenza preliminari qiegħda tingħata limitatament fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta li qiegħda teċċepixxi li ladarba l-obbligi tal-eredi versu l-legatarji huma ta' natura indiviża, għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u għall-ekonomija tal-ġudizzju hemm il-ħtieġa li jiġu msejħa fil-kawża l-eredi l-oħrajn kollha tal-ġenituri tal-partijiet, li diġà dehru fuq att li permezz tiegħu l-attriċi ġiet immessa fil-pussess ta' diversi proprjetajiet li tħallew lilha b'legat bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet testamentarji tal-ġenituri tagħhom.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet inqalgħet wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom. Mill-provi dokumentarji jirriżulta li l-omm, Riccarda jew Ludgarda Abela mietet fl-10 ta' Ottubru, 1996[1], u s-suċċessjoni tagħha kienet regolata b'testment *unica*

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.

*charta* fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis tas-16 ta' Ġunju, 1995[2], minn fejn jirriżulta li l-attriċi tħalliet ishma indiviżi f'għadd ta' proprjetajiet b'titolu ta' legat. Il-missier, Nazzareno Abela, miet fis-27 ta' April, 2004[3] u s-suċċessjoni tiegħu kienet regolata b'testment tas-26 ta' Novembru, 2002[4], fejn ukoll ħalla lill-attriċi ishma indiviżi f'għadd ta' proprjetajiet b'titolu ta' legat. Ġara illi wlied id-defunti Nazzareno u Ludgarda Abela, bl-eċċezzjoni tal-konvenuta, ilkoll qablu u dehru fuq att ta' immissjoni fil-pussess fl-atti tan-Nutar Joelle Cortis, tas-27 ta' Lulju, 2018[5], filwaqt li l-konvenuta, minkejja li ġiet debitament interpellata għal dan il-għan, qiegħda tirrifjuta li tidher fuq att li permezz tiegħu timmitti lill-attriċi fil-pussess ta' dawn il-legati.[6] L-azzjoni odjerna nfetħet mill-attriċi b'talba sabiex il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hi obbligata timmitti lill-attriċi fil-pussess tal-legati mħollija lilha, kif ukoll sabiex il-konvenuta tiġi ordnata timmitti lill-attriċi fil-pussess ta' dawn il-legati.

Min-naħa tagħha Il-konvenuta qajmet għadd ta' eċċezzjonijiet għat-talbiet tal-attriċi, fosthom li ladarba l-obbligazzjonijiet tal-eredi versu l-legatarja attriċi f'din il-kawża huma ta' natura indiviża, din il-kawża kellha ssir kontra l-eredi kollha, u dan għal skopijiet ta' integrità u ekonomija tal-ġudizzju u għall-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

[2] *A fol.* 10 tal-proċess.
[3] *A fol.* 13 tal-proċess.
[4] *A fol.* 16 tal-proċess.
[5] *A fol.* 21 tal-proċess.
[6] Fuq dan l-att ġie espressament dikjarat illi, "Qed jiġi dikjarat mill-Partijiet illi din l-immissjoni fil-pussess qiegħda ssir mingħajr waħda mill-eredi ta' Nazzareno u Riccarda sive Ludgarda konjugi Abela li hi Josephine Cassar peress illi l-imsemmija Josephine Cassar, wara li ġiet interpellata sabiex tidher diversi drabi fuq kuntratt ta' immissjoni fil-pussess mill-eredi l-oħra li huma l-Partijiet fuq dana l-att baqgħet tirrifjuta. Il-Partijiet jiddikjaraw illi ma kellhom ebda għażla oħra ħlief li jipproċedu b'din l-immissjoni fil-pussess tal-eredità tal-ġenituri tagħhom mingħajr Josephine Cassar."

**Konsiderazzjonijiet legali**

Min-naħa tagħha l-attriċi tikkontendi li l-legati mħollija lilha mill-ġenituri tagħha jekwivalu għal dejn tal-eredità, u għaldaqstant l-obbligu tal-ħlas tal-legat huwa tali li jagħti lok għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-solidarjetà fl-obbligazzjonijiet, u għalhekk kull wieħed mid-debituri, jew l-eredi f'dan il-każ, jista' jiġi azzjonat waħdu biex jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-legat, Min-naħa tagħha l-konvenuta ssostni li l-obbligi tal-eredi fir-rigward tal-ħlas u s-sodisfazzjon ta' legat huma indiviżi, u għalhekk l-azzjoni attriċi kellha tiġi proposta kontra l-eredi kollha tad-defunti Nazzareno u Ludgarda Abela, u mhux biss kontra l-konvenuta, li inzertat li hi l-unika waħda mill-eredi li ma resqitx għall-iffirmar tal-att li bih l-attriċi ġiet immessa fil-pussess.

It-teżi attriċi li l-pożizzjoni legali ta' legatarju tekwivali għall-pożizzjoni ta' kreditur tal-eredità, issib sostenn saħansitra f'deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, u mhux biss f'dak li jgħidu ġuristi eminenti li ġew iċċitati mill-attriċi fin-nota ta' riferenzi tagħha. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nobile Elena Mallia Tabone *vs.* Maria Teresa Segon et**[7] intqal:

> *"la proprietà libera del legato appartiene al legatario del di della morte del testatore, egli è parificato ai creditori della eredità ..."*

Il-pożizzjoni ta' legatarju hi meqjusa li tekwivali għal dik ta' kreditur tal-eredità minħabba li minkejja li hu proprjetarju tal-oġġett jew tal-proprjetà mħollija lilu b'legat, dan id-dritt jibqa' wieħed inċert u suġġett għal kontestazzjoni sakemm il-legatarju ma jiġix immiss fil-pussess mill-eredi. F'deċiżjoni fl-ismijiet

[7] 28.06.1911 (Vol. XXI.ii.324).

**Reverendu Patri Franġisku Azzopardi noe *vs.* Maria Hilda sive Hilda Cauchi**[8], intqal:

> "Sakemm ma jottjenix mingħand l-eredi (jew l-eżekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oġġett legat, il-legatarju ma jistax jieħu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dak ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju iżda d-dritt tiegħu ta' proprjetà jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jeżerċitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjetà, iżda jibqa' dritt inċert u suġġett għall-kontestazzjoni sakemm ma jiġix immiss fil-pussess (Laurent "Diritto Civile", Vol. XIV para. 21 *et seq.*)."

Illi kwantu għall-indiviżibbilità tal-obbligazzjoni tal-eredi, fl-artikolu 734(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxi illi:

> "Meta fost żewġ werrieta jew iżjed ebda wieħed minnhom ma jkun ġie partikolarment obbligat mit-testatur għall-ħlas tal-legat, il-werrieta kollha huma obbligati għall-ħlas tiegħu, kull wieħed skont is-sehem li jkun imissu fil-wirt."

Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li jgħid l-artikolu 940 (1) tal-Kodiċi Ċivili:

> "Fil-każijiet kollha, quddiem il-kreditur, kull wieħed mill-werrieta hu obbligat personalment għad-djun tal-wirt, skont ma jkun sehmu."

Madanakollu l-Qorti taqbel mal-pożizzjoni tal-konvenuta, li dan l-istat ta' indiviżibbilità tal-obbligazzjoni ma jekwivalix għal sitwazzjoni ta' solidarjetà fejn l-attriċi, qua kreditriċi tal-eredità tista' tagħżel hi kontra min ser tipproċedi bl-azzjoni tagħha, b'mod partikolari fejn d-deċiżjoni li tintalab tagħti l-Qorti fil-kawża, jista' jkun li ser taffettwa l-pożizzjoni tal-eredi l-oħra. Dan qiegħed jintqal minħabba li t-tielet l-eċċezzjoni tal-konvenuta ma ngħatatx b'mod iżolat, u minkejja li din id-deċiżjoni parzjali hija limitata għall-fondatezza o meno tat-tielet eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta, madanakollu

[8] P.A., 14.10.2004.

din trid tiġi kkonsidrata fl-isfond tal-azzjoni kif proposta u tal-fatti li emerġew sa issa f'dan l-istadju tal-kawża. Jirriżulta mill-atti li f'wieħed mit-testmenti li permezz tagħhom il-partijiet tħallew legatarji jew eredi, hemm klawsola komminatorja li tistabbilixxi li jekk xi ħadd mill-eredi jattakka t-testment tal-missier, kif fil-fatt sar, u diġà kien hemm deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward, dan jiddekadi mill-pożizzjoni tiegħu ta' eredi jew ta' legatarju. Jirriżulta li ħut l-attriċi attakkaw id-dispożizzjonijiet ereditarji mħollija mill-missier f'testment sigriet li huwa għamel, u dik il-kontestazzjoni hemm deċiżjoni finali dwarha li ngħatat mill-Qorti tal-Appell. Il-konvenuta iżda qiegħda tattakka l-pożizzjoni ta' ħutha inkwantu bħala eredi resqu għall-iffirmar ta' att li jimmitti fil-pussess lil oħthom, l-attriċi, u dan fid-dawl tal-klawsola komminatorja li bis-saħħa tagħha jista' jkun li dawn iddekadew minn xi jeddijiet li huma setgħu akkwistaw bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet testamentarji mħollija mill-missier. Din il-Qorti hi ben konxja mill-fatt li f'dan l-istadju hi qiegħda tintalab tillimita ruħha għal deċiżjoni dwar it-tielet eċċezzjoni li ngħatat, madanakollu jrid jiġi ppuntwalizzat li din l-eċċezzjoni ma ngħatax f'vakwu, iżda hi marbuta b'mod sħiħ mal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuta. In vista tal-fatt li tkun xi tkun id-deċiżjoni fil-mertu, hu meħtieġ li għall-finijiet ta' integrità u ekonomija tal-ġudizzju, il-partijiet kollha li b'xi mod huma interessati fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri, partikolarment in vista tat-tieni eċċezzjoni li ngħatat mill-konvenuta, l-aħwa kollha wlied Nazzareno u Ludgarda Abela, għandhom ikunu parti minn dawn il-proċeduri, u dan sabiex tiġi evitata l-possibiltà li mhux il-partijiet kollha li b'xi mod jistgħu jiġu affettwati b'dak li ser jiġi deċiż f'din il-kawża ikunu parti mill-proċeduri odjerni u ma jingħatawx id-dritt li jinstemgħu f'dawn il-proċeduri. Ma jagħmilx sens għall-finijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li wara li

kawża ta' din ix-xorta tinstema' u tiġi finalment deċiża, jinstab li l-ġudizzju ma jkunx integru jew li dak li tista' tordna l-Qorti f'din il-kawża jkun jaffettwa l-interessi ta' persuni li għal xi raġuni jew oħra ma kinux parti fil-kawża u tingħata deċiżjoni li ma tkunx tista' tiġi eżegwita bl-aħjar mod jew kif tordna l-Qorti. Kif qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Marmarà *vs* MRT Developments Limited**[9]:

> "Meta tiġi biex tara jekk għandhiex issejjaħ terzi fil-kawża l-kompitu tal-qorti ma jkunx illi tiddeċiedi jekk it-terzi li tintalab is-sejħa tagħhom jaħtux jew le għall-inċident, iżda jekk, imqar *prima facie,* hemmx fatti jew allegazzjonijiet li għandu mnejn dawn it-terzi jkollhom iwieġbu għalihom".

__**Decide**__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti wara li rat l-artikolu 961 tal-Kap. 12, sabiex il-ġudizzju jkun integru u sabiex jiġu evitati kawżi u proċeduri legali ulterjuri bejn il-partijiet, tqis li jkun għaqli u fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li għandhom jiġu msejħa fil-kawża l-eredi l-oħra kollha ta' Nazzareno u Ludgarda Abela, u ċjoè Anna Ferrito, Anthony Mifsud, Carmen Dimech, George Abela, bl-ispejjeż għall-konvenuta u tordna li l-atti tal-kawża jkunu jirriflettu din il-bidla.**

**Il-Qorti tħalli l-kawża għan-notifika tal-imsemmija msejħa fil-kawża għas-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2019 fid-9:00a.m.**

Moqrija.

[9] 28 ta' Ġunju, 2013